Għal dawn il-motivi u għall-motivi ukoll imsemmija fil-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

L-ispejjeż ta' dan l-appell, bħal dawk tal-Prim'Istanza, li pprovokatu, għandhom ikunu a karigu ta' l-appellant. L-atti huma rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni.

---

**28 ta' Mejju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Maria Magro

*versus*

Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Proprjeta` - Ordni ta' Rekwiżizzjoni - Rimedju Alternattiv**

*tieghu ta' proprjeta' kif ukoll id-dritt ghal ħajja privata tieghu, billi l-intimat Direttur kien ħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni biex jaghti protezzjoni lil min kien jabita fil-fond, proprjeta' tar-rikorrent. Dan il-fond kien moghti b'ċens u l-enfitewta kien daħħal nies ġo fih li sussegwentement id-Direttur ghażel li jipproteġi bil-ħruġ ta' l-ordni ta' rekwiżizzjoni in kwistjoni. Il-Prim'Awla rrifjutat li tieħu konjizzjoni tal-każ billi sabet li r-rikorrent kellu rimedji oħrajn fil-liġi ordinarja tal-pajjiż u ma kellux ghalfejn jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u rrinvijat.*

*Il-Qorti rritjeniet li biex il-Qorti tiddeklina li teżerċita' l-poteri taghha jeħtieġ li r-rikorrent kellu jew ghandu disponibbli ghalih mezzi ta' rimedji taħt xi liġi oħra. Tali mezzi ma kinux faċilment aċċessibbli ghar-rikorrent, infatti kien hemm każistika sostanzjali fejn il-Qrati ordinarji kienu ċaħdu talba biex ordni ta' rekwiżizzjoni jiġi ddikjarat null billi mhux maħruġ fl-interess pubbliku. Inoltre r-rimedju jrid ikun immirat u adegwat biex tiġi rettifikata l-lanjanza kostituzzjonali. Mhux biżżejjed li fl-Att tkun tirriżulta proċedura biex ordni ta' rekwiżizzjoni jiġi impunjat f'ċerti ċirkostanzi, tali proċedura trid tkun addattata u addottabli biex tassorbi u tassisti b'suċċess il-motivazzjonijiet u l-kawżalijiet li fuqhom ir-rikors kostituzzjonali jkun msejjes.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell tar-rikorrent minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-27 ta' Marzu, 1996:

"Illi l-fond 25, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, kien jappartjeni lil Margherita u Grazzja Sammut, zijiet tar-rikorrenti;

Fl-1976 l-intimata Carmen Muscat ħadet dan il-post b'ċens ghall-17-il sena, li kienu jiskadu fl-14 ta' Diċembru, 1993;

Dan il-fond kien rekwiżizzjonat (R.O. 25230). Għalkemm l-intimata Muscat għandha l-abitazzjoni regolari tagħha fin-numru 77, Victoria Avenue, il-Ħamrun, is-Segretarju tad-Djar, b'abbuż ta' poter, fl-10 ta' Ottubru, 1977 ta l-permess lill-intimata Muscat li tieħu l-fond in kwistjoni, bħala *summer residence* (Dokument A);

Illi dan kien każ ċar ta' favoreġġament, peress illi l-intimata Carmen Muscat kienet ġa' in kontravvenzjoni meta hija ħadet iċ-ċwievet ta' post rekwiżizzjonat mingħand l-inkwilin preċedenti, li suppost li kellu jħalli ċ-ċwievet fid-Dipartiment tad-Djar meta ħareġ mill-post, biex dak il-post jiġi allokat lil nies li, jew ma kellhomx dar, jew kienu joqogħdu f'xi post ħażin, minflok jingħata lil min ġa' kellu dar komda, unikament għall-fini ta' villeġġatura;

Illi d-Dipartiment, flok ġiegħel lill-intimata tikkonsenjalu ċ-ċwievet li hi kienet abbusivament ħadet, ħallieha żżomm il-fond avolja hija u l-familja kienu qegħdin ben tajjeb f'dar il-Ħamrun, fejn għadhom joqogħdu u ħareġ ittra li biha qalilha li ma tinstabx oġġezzjoni li hi tokkupa l-fond;

Illi l-esponenti akkwistat b'xiri dan il-fond, billi għandha bżonn urġenti li tmur tgħix fih, stante li m'għandhiex dar għaliha, u m'għandhiex fejn tgħix meta tiżżewweġ;

Illi meta tterminat l-enfitewsi, l-intimata Carmen Muscat, li issa qiegħda tokkupa dak il-fond bla titolu, irrifjutat illi toħroġ mill-post fuq il-pretest illi, meta kellha enfitewsi, id-Dipartiment tad-Djar kien iddikjara li ma jsibx oġġezzjoni li tokkupa l-fond bħala "residenza tas-sajf";

Illi l-istess Dipartiment, illi kien ippermetta lill-intimata Muscat

tibqa' fil-fond għaliex dak iż-żmien kienet l-enfitewta, informa lir-rikorrenti, b'ittra tas-7 ta' April, 1994, illi ma jsibx oġġezzjoni illi hija tidħol fil-fond malli toħroġ minnu l-intimata (Dokument B);

Illi llum l-intimata qiegħda tokkupa l-fond mingħajr titolu għaliex l-enfitewsi tagħha spiċċat fil-15 ta' Diċembru, 1993 u mhi tħallas kera mkien;

Illi b'danakollu, ir-rikorrenti ma tistax tirriprendi pussess tal-fond tagħha, biex tmur tgħix fih, għaliex azzjoni fil-Qorti għall-iżgumbrament tagħha tieqaf billi l-fond huwa rekwiżizzjonat;

Illi, għalhekk, ir-rikorrenti qiegħda ssofri dannu mill-aġir tad-Dipartiment fl-1977, illi abbusivament ta dar rekwiżizzjonata lill-persuna illi ma kinitx taqa' fil-klassi ta' nies li għandu jiġi lilhom allokat fond, mhux biss, imma ta dar għall-villeġġatura;

Illi d-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali qiegħed jirrifjuta jirrettifika dan l-abbuż;

Illi għalhekk, minħabba f'dan l-aġir tad-Dipartiment, ir-rikorrenti qiegħda tiġi miċħuda mid-dritt tagħha li tokkupa l-fond, dritt irrikonoxxut bl-ittra tad-Dipartiment stess tas-7 ta' April, 1994 fuq imsemmija;

Illi dan l-aġir jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali protetti mill-artikolu 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikoli 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni;

Għaldaqstant talbet li din il-Qorti jogħġobha tagħtiha rimedji

xierqa biex tassigura t-twettieq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom billi tħassar ir-*Requisition Order* 25230 u l-effetti tagħha u li tordna lill-intimati Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u Ministru ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali li ma jagħmlu xejn li jtellef lill-esponenti mid-dritt li tokkupa minnufih u bla xkiel il-fond tagħha 25, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar;

Bl-ispejjeż";

Id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali hekk irrisponda:

"Illi l-esponenti jiċħdu kategorikament li huma b'xi mod abbużaw mill-poter tagħhom. Dan jirriżulta mill-fatt (ikkonfermat mill-istess rikorrenti odjerna) li kienet l-intimata l-oħra Carmen Muscat li ħadet iċ-ċwievet tal-post in kwistjoni mingħand l-inkwilin preċedenti u mhux ingħataw lilha mill-esponenti. Inoltre, meta l-esponenti kienu ser jieħdu l-passi opportuni sabiex jirrimedjaw għal dak li fl-apparenza kienet irregolarita', waqfu milli jagħmlu hekk stante li l-imsemmija Muscat kienet għamlet talba li l-fond *de quo* tkun tista' tużah bħala villeġġatura għal raġunijiet purament umanitarji u ta' saħħa, liema raġunijiet, sopportati b'dokumenti meħtieġa relattivi, kienu konvinċenti għall-esponenti;

Raġuni oħra li għall-esponenti kienet tidher valida fiċ-ċirkostanzi kien il-fatt li l-imsemmija Muscat kienet ħadet l-istess fond *de quo* b'ċens mingħand l-aventi kawża tar-rikorrenti u allura ma kienx każ fejn persuna estranea spossessat ħesrem lil ħaddieħor bl-aktar mod goff u arroganti. Żgur li fid-dawl ta' dan kollu, wieħed ma jistax jasal biex jgħid li kien hemm xi abbuż ta' poter, forsi wieħed jasal biex jaċċetta li kien hemm xi element ta' "favoreġġament", imma l-esponenti huma ta' l-umili fehma li si

trattava ta' favoreġġament ġustifikat u mhux wieħed kapriċċuż jew arbitrarju. U, fuq kollox, kienet xi ħaġa li l-esponenti setgħu jagħmlu skond il-fakolta` li kienet tagħtihom il-liġi ta' dak iż-żmien;

Tant ma kien hemm, u ma hemm l-ebda xejra ta' abbuż ta' l-esponenti, li saħansitra, fuq talba unika li għamlet ir-rikorrenti, l-esponenti mill-ewwel tawha permess li tkun tista' tokkupa l-fond *de quo* appena jiġi vvakat mill-intimata l-oħra Muscat; iżda wieħed irid japprezza ukoll li fiċ-ċirkostanzi huwa pjuttost diffiċli, jekk mhux impossibbli, għall-esponenti li jiżgumbraw lill-imsemmija Muscat sakemm dina ma tkunx konsenzjenti;

In-nota responsiva ta' Carmen u Emanuel konjuġi Muscat:

"Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u huma bbażati fuq allegazzjonijiet ta' fatti mhux veritieri;

Għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bis-sentenza deċiżorja tagħha iddisponiet mir-rikors hekk:

"Għalhekk, in virtu` tad-diskrezzjoni lilha mogħtija bid-disposizzjonijiet fuq ċitati, hija qiegħda tiddeklina li teżerċita` s-setgħat lilha mogħtija biex tagħti r-rimedji mitluba mir-rikorrenti bl-istanza odjerna billi hija tal-fehma li r-rikorrenti għandha mezzi xierqa ta' rimedju, skond liġi oħra, għall-ksur allegat minnha fit-talba tagħha. Konsegwentement, qiegħda tastjeni ruħha milli tieħu iktar konjizzjoni tal-kawża u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju, salv u impreġudikat id-dritt tar-rikorrenti li terġa' tadixxi lil din il-Qorti bl-istess talba, f'każ li tkun eżawriet b'eżitu

negattiv il-mezzi l-oħra ta' rimedju lilha disponibbli;

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

Għall-aħjar trattazzjoni ta' l-aggravji ta' l-appellanti hu utili li hawn jiġu riportati l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha:

"Ir-rikorrenti ssottomettiet illi:

"Dawn il-proċeduri mhumiex diretti biex jimpunjaw il-kostituzzjonalita' tal-liġijiet intiżi biex jesproprjaw jew jirrekwiżizzjonaw proprjeta' privata. Mhux kontestat id-dritt ta' l-istat li, għal motivi serji ta' interess pubbliku, jillimita t-tgawdija tal-proprjeta' privata;

Lanqas m'huma dawn il-proċeduri intiżi biex jimpunjaw il-legalita' tal-ħruġ tar-*Requisition Order* nru. 25230 fl-1975. Fl-isfond ta' *pressing social need*, bħal ma hija l-iskarsezza ta' l-abitazzjonijiet, il-Gvern jista' jkun ġustifikat li jissagrifika l-interess privat favur *housing policy* soċjali;

Dak li huwa impunjat huwa biss l-operat ta' dak ir-*Requisition Order* meta skada t-"titolu" ta' l-intimata Muscat wara l-14 ta' Diċembru, 1993. In forza ta' dak ir-*Requisition Order*, l-intimata Muscat, li llum ma għandha ebda titolu valida ta' okkupazzjoni, qiegħda timpedixxi lill-proprjetarja l-azzjoni legali ta' ripreża ta' pussess tal-fond li Muscat qiegħda tiddetjeni illegalment;

L-indħul mill-istat għat-tgawdija tal-proprjeta' privata, biex

ikun leġittimu, għandu jissodisfa għall-inqas żewġ rekwiżiti:

(a) irid ikun fl-interess pubbliku; u

(b) irid ikun versu kumpens xieraq;

L-esponenti tissottometti illi mhux wieħed, imma ż-żewġ rekwiżiti, ġew ivvjolati fil-każ odjern;

Interess pubbliku: Ġa' ngħad illi mhux ikkontestat illi l-awtorita' pubblika għandha d-dritt tindaħal tnaqqas it-tgawdija tad-dritt tal-proprjeta' biex tissodisfa esiġenzi soċjali tista' tekwivali għall-interess pubbliku. Il-Gvern għandu dritt, meta hemm problema serju ta' *housing*, li jieħu d-djar u jallokahom lil min ma għandux saqaf, jekk din hija *policy* nazzjonali;

Imma ma teżisti ebda *policy* nazzjonali li l-gvern jalloka "*a second home*" lil min ġa' għandu dar komoda. L-għoti ta' djar (ta' ħaddieħor) "*as a summer residence*", anke f'każi pjetużi, qatt ma kienet *policy* nazzjonali, qatt ma kienet parti minn skemi soċjali tal-*housing*. Il-problema li jrid jindirizza l-Gvern bir-*Requisition* kienet dik ta' nuqqas ta' djar, u mhux dik ta' ambjenti *extra*, fuq dahar ħaddieħor, lil min għandu bżonnijiet speċjali. Il-familja Muscat la għandha u lanqas qatt kellha, problema ta' *housing*. Għandha problema psikofiżika bħal ma għandhom eluf ta' familji oħra Maltin. Ma hemm ebda *policy* nazzjonali favur tagħhom. Kien hemm biss eċċezzjonijiet u privileġġi fil-każ uniku ta' Muscat. Mhux *policy*, imma privileġġi u diskriminazzjoni kontra dawk l-eluf ta' familji oħra li għandhom l-istess problema u li l-Gvern ma għamel xejn biex jagħtihom dar oħra ta' villeġġatura f'San Pawl il-Baħar;

Dak li huwa aġir diskriminatorju ma jista' jkun qatt fl-interess pubbliku. Ma jistax il-Gvern jgħid li l-għoti ta' dar ta' villeġġatura lil Muscat huwa fl-interess pubbliku - meta dan it-trattament il-Gvern ma għamlu ma' assolutament ebda familja oħra li qiegħda fl-istess sitwazzjoni bħall-familja Muscat";

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-ilment tar-rikorrenti huwa li l-operat ta' l-intimat Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, li bih ġiet ipprivileġġata l-intimata Muscat, li ngħatat dar ta' villeġġatura, jikkostitwixxi aġir diskriminatorju u għalhekk qatt ma jista' jkun fl-interess pubbliku kif jirrikjedi l-Att dwar id-Djar (Kap. 125). In sostenn tat-teżi tagħha, ir-rikorrenti ċċitat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appel (Sede Ċivili) fit-30 ta' Diċembru, 1993 fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Carmelo Vella *et versus* Segretarju tad-Djar *et*** billi dik is-sentenza enunċjat il-prinċipju li fil-każ ta' rekwiżizzjoni ta' proprjeta` dak li ma jivvantaġġjax il-komunita` bħala tali ma jista' qatt jiġi kkunsidrat bħala interess pubbliku. *Fil-każ preżenti*, hija żiedet tgħid, l-għoti tad-dar lill-intimata Muscat u speċjalment iż-żamma ta' Muscat fil-fond wara li spiċċalha t-titolu, ma jista' qatt jikkwalifikaha bħala azzjoni fl-interess pubbliku billi ma jifformax parti minn *policy* nazzjonali dwar il-*housing*;

Illi minn eżami tal-kawża ċitata mir-rikorrenti jirriżulta li dik il-kawża ma kellhiex bħala meritu tagħha l-ksur tad-drittijiet fondamentali imma kellha t-talbiet segwenti: biex il-Qorti (1) tiddikjara illi l-ordni ta' rekwiżizzjoni tikser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 125, u konsegwentement hija nulla u bla effett; (2) tordna lid-Direttur u lill-konvenuti l-oħra, sabiex jirrilaxxaw il-pussess u d-detenzjoni tal-fond rekwiżizzjonat favur l-atturi; u (3)

tiddikjara l-konvenuti *in solidum* responsabbli għall-ħsarat li kkawżaw fil-fond. Il-Qorti ta' prima istanza kienet ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba u l-atturi kienu appellaw billi *inter alia* kienu lmentaw illi meta ordni ta' rekwiżizzjoni ssir biex takkomoda soċjeta` privata, f'dak il-każ soċjeta` filarmonika, dan ma jkunx sar fl-interess pubbliku;

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet irriformat is-sentenza appellata u laqgħet kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni talba ta' l-atturi billi ddeċidiet li d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali ma kienx aġixxa fl-interess pubbliku;

Mis-suespost jirriżulta li għall-ilment tagħha r-rikorrenti għandha mezz xieraq ta' rimedju, u ċjoe`, dak li timpunja l-validita` ta' l-ordni ta' rekwiżizzjoni fuq il-motiv allegat minnha li din ma saritx fl-interess pubbliku, kif imexxielhom jagħmlu b'suċċess l-atturi fil-kawża hawn fuq ċitata;

Il-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 46 (2) tipprovdi li din il-Qorti flok tagħti r-rimedji xierqa biex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita` s-setgħat tagħha biex tagħti rimedju meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi liġi oħra, lil min ikun qed jallega ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu;

Disposizzjoni identika tinsab ukoll fl-artikolu 4 (2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319);

Fil-fehma tagħha, ir-rikorrenti għandha mezzi xierqa għal rimedju skond l-Att dwar id-Djar (Kap. 125) billi tista' tipproċedi

biex tannulla l-ordni ta' rekwiżizzjoni li bih hu kolpit il-fond in kwistjoni billi qiegħda tallega li l-aġir ta' l-intimat Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali mhuwiex fl-interess pubbliku, kif jirrikjedi l-Att dwar id-Djar";

L-appellanti qed tħossha aggravata bil-fatt li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi, fil-fehma tagħha, hi kellha mezzi xierqa għal rimedju skond l-Att dwar id-Djar (Kap. 125) billi tista' tipproċedi biex tannulla l-ordni ta' rekwiżizzjoni li bih hu kolpit il-fond in kwistjoni. Konsegwentement hi applikat is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 42 *tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi:*

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subinċiż f'kull każ li tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

Għandu jkun immedjatament ovvju illi l-poter mogħti mill-Qorti taħt dan is-subinċiż hu wieħed diskrezzjonali li għandu pero' jiġi eżerċitat fil-parametri stretti ddettati minn dak is-subinċiż. Ma jistax *ikun eżerċitat mill-Qorti la kapriċċożament u lanqas* leġġerment imma biss wara li l-opinjoni kkonsidrata tagħha tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm disponibbli għar-rikorrenti skond xi liġi oħra mezzi xierqa ta' rimedju. Kull kelma f'dan is-subinċiż għandha allura tingħata l-veru piż tagħha u għandha tiġi sewwa valorizzata;

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella *vs* Joseph Bannister *nomine*** deċiża fis-7 ta' Marzu, 1994 (Vol. LXXVIII, p. I, p. 48) din il-Qorti għamlet rassenja utili anke jekk mhux eżawrjenti tal-

każistika in materja u hekk finalment ikkunsidrat:

"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti meta mhumiex disponibbli;

Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-Ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;

Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-posibbli rimedju, ma kienx pero' se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;

Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;

Meta l-Ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni";

Ma' dan din il-Qorti jidhrilha li għandha żżid ukoll is-segwenti

biex tenfasizza l-parametri ta' l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni li indubbjament għandha l-Qorti:

Mhux biżżejjed li l-Qorti tkun sodisfatta illi r-rikorrenti kellu jew għandu disponibbli għalih mezzi ta' rimedji taħt xi liġi oħra. Dawn il-mezzi kellhom ikunu xierqa jiġifieri tali li jkunu kapaċi li jekk ippersegwiti b'suċċess jagħtu rimedju adegwat għall-ksur allegat. Ir-rikorrenti tissottometti li r-rimedju provist mil-liġi ordinarja kellu jkun: (1) aċċessibbli; (2) żgur; u (3) effettiv;

Ir-rikorrenti tirraviża l-inaċċessibilita' tar-rimedju taħt il-liġi ordinarja mill-fatt illi l-Qrati tagħna "b'konsistenza monotona" kważi dejjem qalu li l-ħruġ ta' *Requisition Order* kien att insindakabbli mill-Qrati. Ir-rikorrenti tgħaddi biex tiċċita sensiela ta' sentenzi li indubbjament jiffurmaw korp konsistenti u formidabbli ta' ġurisprudenza li jikkunsidraw l-ordni ta' rekwiżizzjoni bħala att *iure imperii* li ma jista' bl-ebda mod jiġi attakkat jekk mhux in kwantu difettuż fil-forma. Jidher infatti li l-unika sentenza li kissret din il-massa ta' ġurisprudenza hija dik fl-ismijiet **Dr. Vella *vs* Segretarju tad-Djar** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Diċembru, 1993 li preżentament hi soġġetta għar-ritrattazzjoni. Sa dak iż-żmien ukoll ma kienx possibbli, almenu fit-termini wiesa' li hu posibbli llum, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva kkontemplata fl-artikolu 469 (a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Emenda importanti ta' valur intrinsiku biex tipproteġi l-individwu kontra l-arbitrarjeta' u l-abbuż ta' poter ta' l-Istat intordotta bl-Att nru. XXIV ta' l-1995. Rimedju pero', illi, anke kieku kellu jiġi ammess li kien aċċessibbli għar-rikorrenti bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-*ius superveniens*, xorta jirriżulta li l-azzjoni li jipprovdi hi estinta bil-perkors tat-terminu perentorju preskrittiv ta' sitt xhur stabbilit fis-subinċiż 3 ta' l-istess

artikolu;

Ir-rikorrenti allura tissottometti illi r-rimedju prospettat fis-sentenza appellata mill-Ewwel Qorti taħt il-liġi ordinarja ma jissodisfax il-kriterju ta' "ċertezza, aċċessibilita' u effikaċja" li jawtorizza lill-Qorti li ma teżerċitax il-funzjonijiet tagħha bir-riżultat li tkun qed tħalli lill-vittma bla rimedju kostituzzjonali;

"Dwar dan il-*proviso*, l-appellant wera fit-trattazzjoni, anke preokkupazzjoni li dan jista', fil-prattika, ikun qed jiġi mifhum fis-sens li fejn hemm mezz ta' *redress* disponibbli, id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi eżerċitata favur id-deklinazzjoni ta' l-eżerċizzju tal-poteri tal-Qorti għall-*enforcement* tal-*human right provisions* u f'dan ir-rigward għamel ukoll konfront interessanti bejn l-imsemmi *proviso* għall-artikolu 47 (2) (illum 46) tal-Kostituzzjoni tagħna u l-artikolu 26 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ċertament m'hemm xejn fis-sentenza appellata li jista' anke lontanament jindika dan. M'hemmx kwistjoni illi l-Qorti adita għandha tikkunsidra u tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti biex tara jekk fid-dawl tagħhom deklinazzjoni tali hijiex kif tgħid il-leġislazzjoni *desirable* (**Vincent Spiteri *vs* Onorevoli Prim Ministru *et*** deċiża fil-31 ta' Awissu, 1977 minn din il-Qorti)";

U din il-Qorti żżid illi li l-Qorti tista' biss tikkunsidra u tiddeċidi li jkun hekk desiderabbli wara li tkun sodisfatta li mezzi xierqa taħt xi liġi oħra jkunu aċċessibbli biex tiġi rrimedjata l-allegata vjolazzjoni tad-dritt fondamentali jekk din tirriżulta. Dan ifisser illi r-rimedju xieraq li jkun irid jirriżulta aċċessibbli taħt xi liġi oħra m'għandux ikun immirat u adegwat biss biex tiġi rrettifikata lanjanza ta' xi dritt li dik il-liġi tittutela imma kellu jkun xieraq u adegwat biex jipprovdi rimedju għall-vjolazzjoni tad-dritt

fondamentali. Vjolazzjoni ta' jedd kostituzzjonali li waħedha u fiha nnifisha tfisser leżjoni gravi *tat-tessut ġuridiku soċjali* li tgħajjat għal rimedju u spiss indipendentement mil-leżjoni ta' xi dritt sostanzjali taħt xi liġi oħra;

"Kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu u fil-każ tar-rikors odjern għalkemm huwa veru li r-rikorrent seta' talab l-intimati jieqfu mix-xogħol fuq l-art permezz ta' mandat *t'inibizzjoni* imma hemm involuti bosta punti li ma kinux ser jiġu risolti bi proċedura simili" (A. **Balzan** *vs* **Onorevoli Prim Ministru**" 15 ta' Jannar, 1991, Vol. LXXV, p. I, p. 22);

Proprju għaliex il-kawżali għat-talba tar-rikorrenti mhix sempliċement eradikata fuq il-vjolazzjoni ta' xi dritt taħt il-liġi ordinarja imma hi ukoll *vjolazzjoni ta' xi jedd fondamentali tiegħu*. F'dan il-każ allura fejn iċ-ċirkostanzi partikolari jkunu tali illi r-rimedju *ma jkunx jista' ukoll jissodisfa* l-lanjanza *kostituzzjonali* mhux konsentit għall-Qorti fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha biex tieħu konjizzjoni tar-rikors skond l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;

"*Fir-rigward ta' din it-tielet* eċċezzjoni jiġi osservat illi r-rikorrenti qiegħda tallega l-ksur a skapitu tagħha ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni in kwantu li hija ġiet imwaħħla f'eżami mhux għaliex hija kien jistħoqqilha teħel imma li saret diskriminazzjoni kontra tagħha. Ta' dan qiegħda titlob ir-rimedji kollha opportuni. Ma jidhirx li r-rikorrenti setgħet titlob dawn ir-rimedji jew almenu xi uħud minnhom skond xi liġi oħra barra mill-Kostituzzjoni" (**Avv. Giuseppi Maria Camilleri** ***nomine vs*** **Onorevoli Ministru għat-Turiżmu** ***et***, 20 ta' Lulju, 1990, Vol. LXXIV, p. I, p. 174);

*L-istess* fil-kawża **Onorevoli Joseph Debono Grech *vs* Albert Mizzi *et nomine*** deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Diċembru, 1987 (Vol. LXXI, p. I, p. 104) ġie ritenut illi s-soprasessjoni ma setgħetx titqies spedjenti bħala rimedju għaliex, "fil-każ preżenti l-bażi ta' l-azzjoni hija l-allegata diskriminazzjoni da parti ta' l-intimati appellati *nomine* kontra r-rikorrent appellat u għalhekk mill-azzjoni ta' wieħed mid-drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni mentri l-kawża l-oħra l-bażi ta' l-azzjoni hija l-allegata tkeċċija tiegħu inġusta skond liġi partikolari tal-pajjiż. Il-kawża preżenti tista' tipproċedi indipendentement mill-kawża l-oħra";

Fil-fehma ta' din il-Qorti hu proprju taħt dan l-aspett li l-Ewwel Qorti, forsi għax ġiet involontarjament żgwidata mix-xejra li ħadet it-trattazzjoni, naqset li tapprezza sewwa s-sinifikat sħiħ u korrett tal-*proviso* tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 46. Is-sentenza appellata infatti, tafferma illi fil-fehma tagħha r-rikorrenti appellanti għandha mezz xieraq għal rimedju skond l-Att dwar id-Djar (Kap. 125) billi tista' tipproċedi biex tannulla l-ordni ta' rekwiżizzjoni li biħ hu kolpit il-fond. Dan għaliex l-appellanti qed tallega li l-aġir ta' l-intimat Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali mhuwiex fl-interess pubbliku kif jirrikjedi l-Att dwar id-Djar;

Ma jidhirx pero` illi din il-konsiderazzjoni tirrifletti korrettement la l-portata tar-rikors kostituzzjonali promotur u lanqas in-natura tar-rimedju prospettat mill-Ewwel Qorti bħala li kien jew hu aċċessibbli lill-appellanti. Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Hu veru illi r-"rimedju xieraq" issuġġerit mir-rikorrenti fit-talba tagħha jinkludi - allura mhux b'mod esklussiv - li l-Qorti

tħassar ir-*Requisition Order* 25230 u l-effetti tagħha. Pero` jidher ċar mir-riżultanzi proċesswali u mill-atti li dan hu suġġerit mir-rikorrenti appellanti bħala mezz preordinat għall-ordni lill-intimati Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u Ministru ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali li ma jagħmlu xejn li jtellef lir-rikorrenti d-dritt li tokkupa minnufih u bla xkiel il-fond in kwistjoni;

L-appellanti infatti tagħmilha ċara li hi m'għandha l-ebda dritt li tikkontesta u tirrendi invalida l-ħruġ tar-*Requisition Order* in parola għax tirrikonoxxi l-jedd ta' l-intimati bħala awtorita` pubblika li rrikwiżizzjonaw id-dar fl-interess pubbliku biex jagħtuha lill-privat bħala miżura soċjali neċessarja. Tirrikonoxxi li *social housing policy* hija aċċettabbli bħala *public interest* li jista' jimponi limitazzjoni fuq il-jedd fondamentali għall-proprjeta`. Hi allura ma tarax kif tista' tattakka l-ħruġ tar-*requistion order* għaliex ma jirriżultawx ċirkostanzi li jindikaw li l-ordni ta' rekwiżizzjoni ma kinitx inħareġet oriġinarjament fl-interess pubbliku. Ma jidhirx għalhekk li huwa aċċessibbli bħala rimedju lir-rikorrenti li tipprova timpunja l-validita` tal-ħruġ tar-*requisition order* taħt il-Kap. 125 minn dan l-aspett. Dan apparti f'kull każ l-ineffikaċja ta' tali rimedju;

Ir-rikorrenti invece qiegħda tattakka, bħala leżiv tad-dirtt fondamentali tagħha ta' proprjeta` l-aġir ta' l-intimati li jallokaw il-fond minnhom legalment rekwiżizzjonat, lill-persuna privata għall-fini ta' villeġġatura u mhux għal skop ta' residenza ordinarja jew għal skop pubbliku ieħor. Issostni li hi m'għandha l-ebda mezz taħt il-liġi ordinarja li tikkontesta din l-allokazzjoni fuq din il-kawżali li tammonta għall-esproprjazzjoni illeġġittima tad-dritt li jkollha aċċess għall-proprjeta` tagħha mingħajr kumpens;

L-appellanti anzi tilmenta illi hawn lanqas si tratta ta'

allokazzjoni vera u proprja. Si tratta ta' *protective requisition order* fejn l-intimati in effetti qegħdin jipprotegu lil min ikun diġa' fil-pussess tal-fond billi, filwaqt li jżommu l-ordni ta' rekwiżizzjoni validament maħruġa fis-seħħ, jiddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li jibqa' jokkupa l-fond min bil-liġi ma kellu jkun qatt intitolat li jiġi lilu allokat. Ċertament mhux għall-iskop ta' villeġġatura li għaliha kien qed jiġi dikjaratament allokat. Anke taħt dan l-aspett, jirriżulta *ineżistenti xi rimedju* taħt il-Kap. 125 in kwantu d-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali ma jeħtieġlu jagħmel xejn biex jassigura r-rikonoxximent tal-persuna li jiġi lilha allokat il-fond bħala inkwilin tas-sid u lanqas ma jista' s-sid jipprovoka dik il-proċedura f'tentattiv biex joġġezzjona u jxejjen tali allokazzjoni. Dana għaliex *icto iure* allokazzjoni ma tkunx saret;

Minn din is-sitwazzjoni ġuridika r-rikorrenti tislet il-konklużjoni illi l-aġir ta' l-intimati jammonta għall-esproprjazzjoni bla kumpens għaliex l-intimati stess ma kinux taħt il-Kap. 125, obbligati li jipprovdu tali kumpens għall-okkupazzjoni billi huma teknikament ma kienu allokaw il-fond lil ħadd. Mill-banda l-oħra hija stess bħala sid kienet prekluża milli taċċetta xi forma ta' kumpens mingħand l-okkupant tal-fond direttament għaliex dan ikun jammonta għar-rikonoxximent ta' l-okkupazzjoni illeġġittima tagħhom;

Hemm ukoll aspetti oħra tar-rikors promotur li ċertament jesorbitaw mill-parametri tal-Kap. 125 u li żgur ma jagħtix rimedju għalihom. Ir-rikorrenti tallega inter alia abbuż ta' poter amministrattiv u diskrezzjoni li waslet għal favoritiżmu. Aġir diskriminatorju li l-appellanti tissottometti li ma jista' qatt ikun fl-interess pubbliku imma li ukoll, una volta tali aġir immotiva l-allokazzjoni tal-fond u mhux il-ħruġ ta' l-ordni ta' rekwiżizzjoni,

ma jidhirx li jista' jiġi attakkat taħt xi provvediment tal-Kap. 125. Aġir diskriminatorju li jista' ukoll f'determinati ċirkostanzi jikkostitwixxi waħdu motiv ġustifikattiv għal lanjanza kostituzzjonali anke jekk ir-rikorrenti ma *tidhirx li qed tilmenta* direttament mil-leżjoni tad-drittijiet fondamentali *tagħha* taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Jibqa' dejjem allura l-kwalifika tar-rikors promotur bħala azzjoni pubblika naxxenti direttament mill-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali;

"Di piu' l-azzjoni preżenti hija azzjoni pubblika li twieldet mill-istess Kostituzzjoni u fil-fatt ir-rikorrenti appellanti espressament talbet li l-intimat jiġi ddikjarat responsabbli għad-danni minħabba l-aġir anti-kostituzzjoanli tiegħu. Din hija raġuni oħra l-għala l-Ewwel Qorti ma kellhiex tastjeni fil-parti dispositiva tas-sentenza kif fil-fatt għamlet billi tgħid li r-rikorrenti kellha mezzi oħra taħt il-liġi ordinarja. Ir-rimedju li qiegħda titlob ir-rikorrenti bl-imsemmija talbiet fl-azzjoni pubblika li hi eżerċitat jikkonsistu f'danni minħabba aġir anti-kostituzzjonali u dan ir-rimedju jista' jinkludi affarijiet oħra li ma jidħlux fl-ambitu ta' azzjoni privata taħt il-liġi ordinarji" (**Avukat Camilleri *vs* Onorevoli Ministru tat-Turiżmu** ġa' ċitata Vol. LXXIV, p. I, p. 174);

Konsiderazzjoni din li jidher li tapplika għall-każ taħt eżami anke jekk hu nnotat illi ma tirriżultax talba *ad hoc* għad-danni konsegwenzjali għall-aġir allegatament abbużiv u illegali ta' l-intimati;

Din il-Qorti għalhekk ma tikkondividix il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti illi r-rikorrenti kellha xi rimedju xieraq u adegwat taħt il-Kap. 125 biex tirrivendika d-drittijiet tagħha inklużi dawk kostituzzjonali. Ma kienx biżżejjed illi tkun, tirriżulta

kif hemm, proċedura f'dak l-Att biex tiġi impunjata f'ċerti ċirkostanzi ordni ta' rekwiżizzjoni. Dan għaliex tali proċedura trid tkun adattata u adottabbli biex tassorbi u tassisti b'suċċess il-motivazzjoni u l-kawżalijiet li fuqhom dan ir-rikors kostituzzjonali hu msejjes. Altrimenti r-rimedju la jista' jiġi kkunsidrat li hu xieraq u wisq anqas adegwat. Din il-Qorti ma jidhrilhiex allura li hu l-każ li l-Ewwel Qorti tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha kif kellha jedd tagħmel skond is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Oġġettivament ma jirriżultax illi kien jeżisti rimedju xieraq u adegwat taħt xi liġi oħra biex jassigura t-twettiq ta' drittijiet fondamentali li r-rikorrenti tallega li ġew lilha vvjolati. Din il-Qorti tifhem illi bħala Qorti ta' Reviżjoni m'għandhiex bla raġuni serja u impellenti tiddisturba d-diskrezzjoni li l-liġi tagħti lill-Qorti ta' l-ewwel grad;

"Bħala regola Qorti ta' Sekond'Istanza ma tiddisturbax id-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti ta' Prim'Istanza u minnha eżerċitata jekk mhux għal raġuni gravi bħallikieku fejn dik il-Qorti tkun eżerċitata illegalment jew b'xi mod ieħor manifestament erroneju jew inġust id-diskrezzjoni tagħha" (**Dr. Pace *vs* Vella** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Awissu, 1977);

Fil-każ taħt eżami l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-Ewwel Qorti wassal għat-telfien ta' rimedju kostituzzjonali li kien ikun altrimenti miftuħ u aċċessibbli lir-rikorrenti. Una volta din il-Qorti waslet għall-konvinċiment illi rimedju xieraq u adegwat taħt xi liġi oħra ma jirriżultax li kien jew għadu disponibbli lir-rikorrenti biex tittutela d-drittijiet kostituzzjonali tagħha hu xieraq li l-Ewwel Qorti tiġi diretta illi tieħu konjizzjoni tal-meritu li dwar u jirriżulta illi prattikament semgħet il-provi kollha tal-kontendenti;

Finalment, il-Qorti tikkunsidra l-ewwel sottomissjoni ta' l-appellanti u ċjoe` li nonostante li l-erba' intimati kkontestaw it-talba tar-rikorrenti ebda wieħed minnhom ma deherlu li l-appellanti kienet naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji. Ebda wieħed minnhom ma ssolleva l-oġġezzjoni - aktar minn eċċezzjoni - tan-non-eżawriment tar-rimedji ordinarji. L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti b'sorpriża għall-partijiet *ex officio* u fis-sentenza, mingħajr ebda pre-avviż issollevat din l-oġġezzjoni u laqgħetha. L-appellant jissottometti ukoll illi hi mhijiex tippretendi li l-Qorti ma tistax tqajjem din l-"eċċezzjoni *ex officio*", tippretendi biss illi "meta trid tissolleva ostakolu dirimenti ġġib il-perplessita` a konjizzjoni tal-partijiet għall-osservazzjonijiet tagħhom u mhux tissorprendihom fis-sentenza";

Dan l-aggravju hu fil-prinċipju korrett u l-Qorti ma tistax ma tapprezzahx fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tas-26 ta' April, 1996 fl-ismijiet **Frederick Mifsud Bonnici *nomine vs* Joseph Kennely *nomine et*** li qieset ilment simili. "Invece din il-kwistjoni jidher li ġiet issollevata mill-Bord (ta' l-Appell ta' l-Ippjanar) stess l-ewwel darba fid-deċiżjoni tiegħu u l-Bord iddeċieda (għall-fini ta' dan l-appell huwa immaterjali jekk il-kwistjoni ġietx deċiża tajjeb jew ħażin) mingħajr ma ta l-opportunita` lill-appellant li jagħmel is-sottomissjonijiet dwarha preventivament. Dan ċertament jikkostitwixxi ksur tad-dritt li l-parti għandha għal smigħ xieraq billi jinvolvi ksur ta' wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem*". F'dik il-kawża il-leżjoni kienet tali li wasslet għan-nullita` tad-deċiżjoni in kwistjoni proprju għaliex il-Bord ta' l-Appell kien iddeċieda l-meritu u ċaħad l-appell;

Fil-każ taħt eżami l-oġġezzjoni ssollevata mill-Qorti ta' l-

ewwel istanza, għalkemm una volta milqugħa, kellha l-effett li tissospendi b'mod definit il-konsiderazzjoni tal-lanjanza kostituzzjonali, *kienet strettament waħda proċedurali li ma ddeċiditx il-meritu. Tant li meta din il-Qorti tiddeċidi kif ser tiddeċidi, favur* l-appellanti u tirrevoka s-sentenza appellata l-effett ikun li l-Ewwel Qorti tkun mistiedna biex tikkunsidra l-ilment kostituzzjonali fil-meritu u tiddeċidih. Ikkonsidrat allura li din il-Qorti qed tilqa' l-apell u, una volta *l-oġġezzjoni ta' l-eżawriment tar-rimedji* ordinarji ma kinitx *ġiet issollevata minn* ebda wieħed mill-intimati, ma jidhirx li hu meħtieġ, biex jiġu ttutelati d-drittijiet tal-kontendenti għal smigħ xieraq, illi s-sentenza tiġi annullata u l-atti mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti biss biex tisma' s-sottomissjonijiet tagħhom dwar jekk kienx hemm jew le rimedji oħra xieraq għall-ksur allegat taħt xi liġi oħra. *Dan biex imbagħad dik* l-istess Qorti tiddeċidi mill-ġdid dak li ga' ġie minnha deċiż u li din il-Qorti qed tirrovexxja. *Iter* proċedurali ta' din ix-xorta ikun biss jimporta telf ta' żmien fi proċess inutili li għandu jiġi evitat fit-trattazzjoni tar-rikors kostituzzjonali;

Din il-Qorti tasal infatti biex tikkunsidra illi oġġezzjoni bħal din sew jekk issollevata mill-intimati kif ukoll jekk issollevata mill-Qorti *ex officio* - kif indubbjament l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tagħmel - kellha safejn kien possibbli u safejn kien proċeduralment utili *tiġi kkunsidrata fil-bidu tat-trattazzjoni bħala preġudizzjali* u mhux wara li l-provi kollha jkunu ġa' mismugħa u wara li l-proċess ikun ħa l-*iter* kollu tiegħu u tħalla għas-sentenza. Infatti l-interpretazzjoni korretta tal-*proviso* tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 46 għandu jkun li l-kliem: "iżda l-Qorti tista' ... tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *skond is-subartikolu ...*" *għandu jinqara* fis-sens li dawn is-"setgħat" jinkludu "li tisma' u tiddeċidi kull talba". Dan ifisser illi l-Qorti għandha sakemm il-proċeduri hekk jippermettu -

u f'dan neċessarjament għandha ċerta latitudini u diskrezzjoni - tiddeċidi jekk kellhiex jew le teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' t-talba qabel ma tibda effettivament tittratta l-meritu. Għandha allura, safejn possibbli tibda tisma' l-meritu wara li tkun stabbiliet jekk kinux jew le disponibbli lill-intimat mezzi oħra xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat skond xi liġi oħra. Fil-każ in eżami jirriżulta mill-atti illi l-provi kollha ġew miġbura u t-trattazzjoni magħmula mingħajr ebda aċċenn li seta' kien hemm xi mezzi xierqa ta' rimedju disponibbli lill-appellanti. Din il-Qorti kellha f'dan ir-rigward anke l-vantaġġ tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri li minnha jidher li din il-materja qatt ma ġiet issollevata minn xi parti jew mill-Qorti. Hu allura ġustifikat l-ilment illi l-kontendenti ġew sorpriżi bil-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata u bid-decide tagħha bbażata esklussivament fuq punt ta' fatt u ta' dritt li ma ġie qatt ittrattat quddiemha. Dinil-Qorti tqis li sitwazzjoni ta' din ix-xorta ma kinitx konduċenti għal smigħ xieraq li jassigura difiża adegwata lill-kontendenti, li ma jkunux allura ngħataw l-opportunita` li jittrattaw sewwa dik l-oġġezzjoni li fuqha l-Qorti eventwalment iddeċidiet il-kawża u dana finalment. Trattazzjoni li pero` saret mill-kontendenti quddiem din il-Qorti u li wasslitha għall-konklużjonoi diversa minn dik li kienet waslet għaliha s-sentenza appellata. F'dan il-każ allura mhux meħtieġ li jingħata f'dan ir-rigward provvediment ulterjuri;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell fis-sens illi tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeċidi li ma kienx il-każ li l-Ewwel Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha fit-termini tal-*proviso* tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Mhux il-każ li din il-Qorti tiddetermina l-meritu f'dan l-istadju u hu għalhekk opportun u xieraq fiċ-ċirkostanzi, u anke biex il-partijiet ma jiġux ipprivati mill-benefiċċju tad-*doppio* eżami fuq il-meritu li ma ġie

ddeterminat bl-ebda mod fis-sentenza appellata illi l-Qorti tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex din tiddelibera u tiddeċidi t-talbiet li minnhom asteniet;

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.